# 108. Fil-Għajn tal-Gotti

F'għajn tonda ġewwa l-Gotti qatgħa ċkejkna
ta' ħut lewn il-larinġ bid-deheb imġiehed,
l-ilma lewn iż-żebbuġa...

Fin-nofs tal-għajn hemm ħaġra tal-għelieqi
miksija bit-tursin, muntanja kbira
fid-dinja tal-ħut żgħir,
kollha mgħottija
bil-boskijiet...

Mad-dawra tonda
qsari tal-kaktus
bil-ward.
il-ward ħamran jiddendel bħal imsielet
ma' fergħa twila,
sew kif jiddendlu
il-ġmamar ħomor
mis-sulfarelli...

L-isturnell tal-Palazz iżomm il-ħin:
fis-sebgħa ta' filgħodu
jiġi fuq l-awrikarja joqgħod jgħarrax,
fit-tmienja jħuf,
u fl-erbgħa u nofs mill-ġdid jerġa' jinġabar
fuq l-awrikarja, u jitlaq qajla qajla
lejn il-Palazz.

Qalb il-werqiet u l-ward tal-water-lily,
il-ward imlewwen lewn il-vjola u krema,
fl-ilma lewn iż-żebbuġ
għall-ħut lewn il-larinġ bid-deheb imġiehed
il-ħajja ħelwa u ħielsa;
ikel u xorb kemm trid,
m'hemmx ħuta kbira
li tiekol il-ħut żgħir,
m'hemmx taxxi u pulizija,
u lanqas imħallfin u lanqas tobba,
għoli ta' prezzijiet, għoli ta' pagi,
u gwerra bierda:
il-ħajja
eternita'...

F'rokna tal-għajn, fuq tliet werqiet safrana,
morda, maqtugħa,
hemm ħuta mejta ...